# Għeluq il-Mitt Sena mill-Mewt ta' Vincenzo Maria Cremona

## Xenografu u Statwarju (1851-1912)

Victor Caruana B.A.(Hons), M.A. Storja tal-Arti

Din is-sena qed jiġi mfakkar għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' wieħed mill-aktar statwarji popolari u interessanti fl-istorja tal-arti sagra f'pajjiżna – Vincenzo Maria Cremona. L-importanza ta' Cremona bħala statwarju fit-teknika tal-kartapesta tinsab fil-fatt li lejn l-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, huwa ħaddan teknika u stil artistiku li kien differenti ferm minn dak li kien jintuża mill-istatwarji l-oħrajn tal-epoka.

Is-snin ta' wara l-1880 kienu ddominati mill-istatwarju Carlo Darmanin (1825-1909)[1], li kien qed jipproduċi numru kbir ta' xogħol kemm għall-knejjes u kemm għat-toroq u l-pjazez Maltin għal matul il-jiem tal-festi. Minkejja d-differenza fl-istili tal-istatwi tagħhom, Cremona xorta kiseb biżżejjed popolarità sabiex jiġi kkunsidrat bħala r-rivali ta' Darmanin fil-ħidma tal-kartapesta u għalhekk, anke hu ġie kkummissjonat numru sabiħ ta' statwi speċjalment sabiex jintużaw għal skopijiet esterni. Ironikament, insibu wkoll każijiet fejn dawn iż-żewġ statwarji kbar influwenzaw lil xulxin, kif ser naraw aktar 'il quddiem.

## Bijografija ta' Vincenzo Maria Cremona bħala xenografu

Vincenzo Maria Cremona twieled il-Belt Valletta fid-19 ta' Frar 1851, il-ħames wild tal-ħajjat Francesco Cremona u Paola neè Bonello.[2] L-għada li twieled, huwa ġie mgħammed fil-knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Porto Salvo tal-Belt. F'xi żmien wara l-1856, il-familja Cremona marret tgħix Tas-Sliema, il-post fejn Vincenzo eventwalment rabat qalbu miegħu. Fis-16 t'Ottubru tal-1888, huwa żżewweġ lil Concetta Axisa, bint in-negozjant Paolo Axisa, fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.[3] Huwa mbagħad mar jgħix f'dar numru 50 f'Falzon Street filwaqt li kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu fi Strada Cattedrale, tas-Sliema stess.[4] Cremona miet fid-dar tiegħu nhar is-27 ta' Jannar tal-1912 fl-età ta' wieħed u sittin sena '*wara marda krudili*' u ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.[5]

Jingħad li Vincenzo Maria Cremona kien intgħażel mill-Gvern sabiex imur jistudja Napli fejn hemmhekk ħa t-taħriġ tiegħu taħt il-professuri Corazza, Masi u Marchino.[6] Dan l-istudju kien marbut mal-ewwel xogħol li l-artist kien magħruf għalih, jiġifieri dak ta' xenografu - wieħed li jpitter u joħloq ix-xeni li jintużaw bħala sfond għal waqt xi opra teatrali. Ir-rabta ta' Cremona ma' dan it-tip ta' xogħol tidher sew mill-Att taż-Żwieġ tiegħu u anke fil-kitba taż-żwieġ tiegħu li kienet saret fid-dar ta' missier l-għarusa f' 62, Strada Reale, Tas-Sliema u ppubblikat min-Nutar Francesco Schembri Zarb.[7] F'dawn id-dokumenti, huwa dejjem ġie mniżżel bħala *scenografo*. Jidher li huwa beda jaħdem t'hekk mill-1873 għalkemm forsi din il-karriera bdieha sewwa fl-1877 wara li t-Teatro Reale reġa' nfetaħ permezz tal-opra *Aida* ta' Giuseppe Verdi.[8]

Dan ix-xogħol fit-teatru mhux biss jurina li Vincenzo Maria Cremona kien tajjeb ukoll sabiex ipitter, iżda jista' wkoll jagħtina ħjiel ta' kif setgħet bdiet in-namra tiegħu lejn l-istatwi tal-kartapesta. Dan għax, responsabbli mill-arranġamenti sabiex joħloq ambjent fittizju għal fuq il-palk, huwa x'aktarx kien joħloq ukoll *props* u dekorazzjonijiet oħra kbar għas-sett.[9] Dawn kienu affarijiet maħduma b'mod efimeru imma li fuq il-palk ikunu jidhru reali u jkomplu jagħtu kredibbilità lix-xena li tkun qed tiġi rreċtata. Minħabba n-natura tal-użu tagħhom, dawn l-affarijiet mhux biss riedu jkunu jidhru reali iżda wkoll ħfief sabiex jinġarru faċilment għal fuq il-palk meta jkunu meħtieġa u l-aktar materjal li kien jintuża għal dan l-għan kien appuntu l-kartapesta. Jista' jagħti l-każ li f'Napli, Vincenzo Cremona tħarreġ anke fuq dan it-tip ta' xogħol. Bħala persuna kapaċi f'dan il-qasam, Cremona seta' ħa l-inizjattiva hu stess jew inkella ġie mħajjar minn ħaddieħor sabiex jibda jaħdem anke statwi tal-kartapesta: arti li kif għidna aktar 'il fuq, f'dak iż-żmien kienet qed tilħaq il-qofol tagħha f'pajjiżna anke minħabba l-użu tagħha għall-istatwi b'użu estern fil-festi parrokkjali li kienu qegħdin dejjem jikbru u allura kien hawn talba kbira għalihom.

Il-bidu ta' Cremona bħala statwarju fil-kartapesta seħħ lejn l-aħħar ħmistax-il sena tas-seklu dsatax, tant li f'kitba fil-ġurnal *Public Opinion* tal-24 ta' Frar 1891 huwa jissejjaħ '*a novice in the art*' iżda li madanakollu '*has already made wonderful progress*'. L-istess kitba tgħid li għal bosta snin huwa kien xenografu fit-Teatru Rjal u dan jista' jindika li jew huwa kien waqaf minn dak it-tip ta' xogħol jew li ma baqax jaħdem f'dak it-teatru. X'aktarx li l-ewwel xogħlijiet ta' Cremona fil-kartapesta saru għal-lokalità li kien jgħix fiha – Tas-Sliema – sewwasew għall-parroċċa ta' Stella Maris.

Din il-parroċċa twaqqfet fl-1878 u ma setax jonqos li sabiex ikabbru l-festi esterni bl-armar, daru għall-parruċċan rinomat tagħhom sabiex jipprovdilhom dak li kien hemm bżonn f'dak li għandu x'jaqsam mal-istatwi. Biżżejjed wieħed isemmi, fil-fatt, l-ewwel vara titulari li kellha din il-parroċċa li kienet xogħol ta' Cremona tal-1887.[10] Wara li ħadem din il-vara, huwa ġie mqabbad sabiex jaħdem xogħol ieħor għal din il-lokalità. Il-kummissjonanti tiegħu din id-darba kienu l-membri tal-każin *Circolo Nazionale Ceschi* fejn għall-festa ta' San Ġwann il-Battista li dawn kienu jorganizzaw fix-xatt ta' Tas-Sliema, huwa ġie mqabbad sabiex jaħdem vara allegorika ta' *Malta*, li kienet tpoġġiet fuq il-bieb prinċipali tac-*Circolo*.[11]

Nistgħu ngħidu li dawn ix-xogħlijiet kienu biżżejjed sabiex Vincenzo Maria Cremona jwessa' l-orizzonti tiegħu u jibda jaħdem xbihat għal parroċċi oħrajn. Minn hemm, huwa ma ħarisx lura għax il-karriera tiegħu kompliet tikber u baqa' jaħdem vari li wħud minnhom għadna ngawduhom anke fil-preżent. Fost l-aktar xogħol popolari li ħarġu minn idejn Vincenzo Maria Cremona insibu l-figuri taż-żewġ suldati Rumani fil-vara ta' *Kristu Rxoxt* fil-parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi (1891), l-allegoriji tal-*Ewropa, l-Asja, l-Afrika u l-Amerika* għall-festa ta' San Pawl fil-belt Valletta (1892), *Ġeronzio* u *Polikronia* (1893) u *San Ġorġ fuq iż-żiemel* (1906) għall-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, *San Ġorġ* għall-festa tal-istess qaddis fir-Rabat Għawdex (1894), il-*Martirju ta' Santa Katarina* (1895) u ż-*Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina ma' Kristu* (1896) għall-festa tagħha fiż-Żejtun, il-*Martirju ta' Santa Katarina* (1899), sett ta' tmien Filosofi, *San Ġovanna d'Arko* u *Santa Katarina Trijonfanti* għall-festa titulari taż-Żurrieq u *Santa Rita* fil-parroċċa ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta (1908).[12]

## It-Teknika u l-Istil tal-Vari ta' Vincenzo Maria Cremona

It-teknika ta' kartapesta użata minn Vincenzo Maria Cremona hija differenti minn dik użata mill-bqija tal-istatwarji Maltin. Il-metodu tiegħu jissejjaħ *papier-collé* u mhux *papier-mâché* kif tissejjaħ il-kartapesta bl-Ingliż. Il-*papier-collé* jsir billi l-karta mgħarbla u mxarrba f'forma semi-likwiduża titpoġġa fil-forma tal-ġibs fi strati li jitwaħħlu flimkien. Wara li jinxfu, dawn isiru qishom kartuna bi ħxuna ta' kważi nofs pulzier. Wara li kien jagħti ftit ġibs, l-istatwarju kien jixkatla x-xogħol u japplika l-polikromija. Din it-teknika probabilment hija frott il-metodi li kienu jintużaw sabiex isiru d-dekorazzjonijiet teatrali msemmija aktar 'il fuq. Apparti hekk, l-abilità ta' Cremona bħala pittur ta' xenarji tidher miż-żebgħa oriġinali li kellhom l-istatwi tiegħu, li juru livell tekniku għoli ta' polikromija.

Il-figuri ta' Vincenzo Maria Cremona huma magħmulin minn numru akbar ta' partijiet anatomiċi ta' kartapesta minn dawk ta' statwarji oħrajn. Hu kien juża sistema fejn il-partijiet differenti ta' kartapesta jitwaħħlu parzjalment flimkien billi tarf ta' parti tkun imqabbża ftit 'il barra sabiex tidħol f'parti oħra li t-tarf tagħha tkun inċiża u b'hekk jitwaħħdu b' mod aktar faċli u effiċjenti. Cremona kien ilibbes il-figuri tiegħu b'xoqqa samra u bl-ixkejjer, li kienu jingħataw ukoll passata kolla tal-fenek. L-użu ta' materjali differenti minn dan l-istatwarju biex jimmudella l-kostumi kellu l-iskop li joħloq differenzi fil-mod kif id-drappeġġ jidher u jaqa' minn fuq il-figuri, sabiex jirrifletti l-materjal li l-kostumi fitizzji tal-figuri jkunu libsin. Dawn il-karatteristiċi huma kollha sinonimi ma' Vincenzo Maria Cremona u din twarrab ix-xniegħa li xi kultant tingħad li huwa tgħallem din is-sengħa mingħand Carlo Darmanin. Sfortunatament, l-istatwi ta' Cremona mhumiex reżistenti daqs ta' statwarji oħrajn. Ħafna minnhom sofrew minn djufija strutturali u għalhekk intilfu matul iż-żminijiet filwaqt li oħrajn li għadna ngawdu llum il-ġurnata għandhom id-djufija strutturali tagħhom tidher mill-fatt li l-maġġoranza tagħhom ikunu inklinati lejn xi naħa jew oħra.

Apparti t-teknika, Vincenzo Maria Cremona kien differenti minn artisti oħrajn anke fl-istil tax-xogħol tiegħu. F'perjodu fejn is-sentimenti Puristi u l-linji Neo-Klassiċi kienu qed jiddominaw l-arti reliġjuża ta' dak il-perjodu, nkluż l-arti sagra fil-kartapesta, Cremona daħal f'din l-arti bi stil psewdo-Barokk. Il-Barokk tiegħu ma kienx ristrett, imħallat b'doża ta' Puriżmu u Romantiċiżmu jew limitat biss għall-panneġġi tal-figuri kif ġara fil-każ ta' statwarji u skulturi oħrajn bħal Gerolamo Darmanin u Salvatore Psaila. L-istil ta' Cremona kien eżuberanti u bbażat fuq l-importanza tal-ġesti u l-affetti li jirriflettu l-istat tar-ruħ tal-figuri partikolari. Bla dubju, dan kien tort tal-influwenzi teatrali fil-ħajja tal-istatwarju – influwenzi li jidhru wkoll b'mod speċjali fil-kompożizzjonijiet kbar li kien joħloq. Dawn ġeneralment kienu jinkludi numru mdaqqas ta' personaġġi li bil-ġesti movimentati tagħhom kienu jagħtu sens qawwi ta' narrattiva u teatriċità tant li kienu qishom parti wieqfa ta' xi opra, simili għall-*quadri plastici* li kienu jsiru max-xatt ta' Tas-Sliema u li Cremona stess kien joħloq u jidderieġi fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja.[13] L-istess bħal fit-teatru, il-personaġġi f'dawn ir-rappreżentazzjonijiet kbar kienu jiġu mpoġġija b'mod maħsub, fejn il-personaġġ prinċipali kien jitpoġġa fiċ-ċentru ta' kollox u x'aktarx f'pożizzjoni aktar għolja mill-figuri l-oħra, li min-naħa tagħhom kienu jitfgħu



Mosè



Ġuditta u Oloferne



David

l-attenzjoni tal-ispettatur fuq il-qaddis/a bil-ħars u l-ġesti tagħhom. Dawn it-tip ta' kompożizzjonijiet kienu jixbhu l-kunċett ta' *macchina*, kif kienu jissejħu opri tal-arti li kienu pjuttost ikkumplikati u kbar.[14]

L-ilbies tal-figuri ta' Vincenzo Maria Cremona wkoll għandhom oriġini teatrali. Dan jidher ċar mill-mod oriġinali u inventiv li bih iżejnu l-personaġġi, fejn għandhom disinn partikolari u uniku tant li hija ħaġa kważi ċerta li l-istatwarju kien jimita kostumi reali u awtentiċi li hu kien jara waqt ix-xogħol tiegħu ta' xenografu. Dan l-ilbies fuq l-istatwi ta' Cremona huma magħmula minn numru kbir ta' panneġġi pjuttost diżordinati u għandhom bixra ta' xi ħaġa fraġli. Għalhekk, il-mudellatura ta' dawn il-ħwejjeġ hija ġeneralment inkonsistenti, l-istess bħall-anatomija tal-figuri fejn f'ċertu każi dawn huma pjuttost iddettaljati filwaqt li oħrajn huma anqas irfinuti. Bħala pożi, insibu kif anke dawn ivarjaw iżda ħafna minnhom għandhom qagħda riġida u superfiċjali.

Jidher li l-istil ta' Cremona ma tantx sab appoġġ sabiex l-istatwarju jkun jista' jaħdem aktar vari għal ġol-knejjes, kif ġara fil-każ tal-ewwel xogħol kbir li ħadem – il-vara titulari ta' *Stella Maris* f'Tas-Sliema li semmejna aktar 'il fuq. Deskrizzjoni ta' din il-vara li dehret fil-ġurnal *Fede ed Azione* tal-1 ta' Settembru 1887 turi li din kienet rappreżentazzjoni kbira bl-istil ta' *macchina*.[15] Il-guffaġni ta' dil-vara bil-ġesti tal-figuri li kien hemm fiha jidher li ma tantx intgħoġbot u għalhekk inbidlet wara biss erba' snin minn meta saret. Is-sitwazzjoni fl-ambitù ekkleżjastiku Malti taż-żmien imsemmi ma tantx għen biex Cremona jkollu aktar kummissjonijiet għal ġol-knejjes. Dan għax f'pajjiżna kienet qed tiddomina l-kwistjoni tal-mużika sagra li tindaqq matul iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Fil-fatt, sa mill-bidu tas-snin tal-1890 kien hemm dibattitu kostanti fuq it-tip ta' mużika sagra li għandha tindaqq fejn fuq naħa kien hemm dik modesta u devota hekk kif mixtieqa mill-Papa u kif lokalment kienet tiġi espressa fix-xogħlijiet tal-Profs. Paolino Vassallo u fuq naħa oħra l-mużika armonjuża, lirika u teatrali hekk kif espressa minn Mro Antonio Nani u ppreferuta minn ħafna dilettanti tal-festi. Dan id-dibattitu ma kienx isir biss fit-toroq imma anke fil-ġurnali, kif naraw mill-eżempji fil-*Malta Tagħna* tat-18 ta' Lulju 1891, tas-16 ta' Jannar 1904 u tat-23 t'April 1904. Il-kwistjoni tant kienet kibret li saħansitra kienu tfaċċaw żewġ partiti madwar żewġ kompożituri – Riccardo Bugeja u Antonio Nani, fejn dawn kienu jkunu segwiti minn numru kbir ta' nies kull fejn kienu ser jidderieġu xi xogħol minn tagħhom.[16]

Fl-isfond ta' dan kollu, għalhekk, ma kinitx sorpriża li l-istil teatrali ta' Cremona jingħata l-ġenb f'dawk li huma kummissjonijiet għal ġol-knejjes, bil-kontra għall-istil devot ta' Carlo Darmanin. Min-naħa l-oħra, huwa sab aktar xorti għax-xogħlijiet '*ta' barra*' fejn hemmhekk ma kienx hemm restrizzjonijiet stilistiċi u l-karattru tal-istatwi tiegħu kienu aktar addattati għall-ambjent brijuż tal-festi esterni.

## Vincenzo Maria Cremona f'Ħal Balzan

Wieħed mill-aktar postijiet li kkummissjona statwi dekorattivi għal barra lil Vincenzo Maria Cremona kien ir-raħal ta' Ħal Balzan. Din il-lokalità toffri aspett interessanti fl-istudju tax-xogħol ta' dan l-istatwarju u dak li għedna ftit ilu dwar l-aspett mużikali sagru. Dan peress li fiż-żmien li Cremona tqabbad sabiex jaħdem il-vari li ser insemmu minn hawn u ftit ieħor, il-Maestri di Capella fil-parroċċa Balzanija ma kienu ħadd ħlief il-membri tal-familja Nani. Fil-fatt, Dr Paolo Nani żamm din il-kariga mill-1872 sal-1904 u warajh Antonio Nani kien il-Maestro di Cappella mill-1905 sal-1927.[17] Dan jista' jagħti x'jifhem li f'dan ir-raħal kien hemm

sitwazzjoni favorevoli għall-laqta teatrali u li wasslet sabiex Vincenzo Maria Cremona jkollu l-opportunità jaħdem xi xogħol għall-festa tal-Annunzjata. Dan forsi seta' anke jseħħ wara xi kelma tajba li seta' għadda l-ħabib tiegħu fl-ambitù teatrali – Mro Antonio Nani, li kien l-*impresario* tat-Teatru Rjal meta Cremona kien għadu jaħdem hemm bħala xenografu.

X'aktarx li l-ewwel statwa li Cremona ħadem għal Ħal Balzan kienet dik tal-anġlu allegoriku li llum tintrama fi Triq il-Kbira, maġenb il-knisja Parrokkjali. Skont pjanċa li hemm imwaħħla mal-pedata tal-istatwa, din ix-xbieha nħadmet mill-imsemmi statwarju fl-1898.[18] Hija tissimbolizza r-rebħa tal-purezza tal-Madonna fuq il-ħażen tas-serp, eku tal-wegħda t'Alla lix-xitan li nsibu mniżżla fil-ktieb tal-Ġenesi. F'din ir-rappreżentazzjoni naraw il-figura ta' anġlu (li jista' anke jissimbolizza lill-Arkanġlu Gabriel) li qed jittajjar fuq blata għolja u li filwaqt li jżomm ftit ġilji bojod f'idu x-xellugija li għandu mgħollija, huwa wkoll qed iħares 'l isfel lejn is-serp li hemm imdawwar mal-blata u li l-istess anġlu lest biex joqtol bil-lanza twila li għandu f'idu l-oħra. Din hija statwa li għandha l-karatteristiċi kollha ta' Cremona, jiġifieri l-poża mtajra u movimentata fejn saqajn il-figura lanqas imissu mal-art, sens narrattiv, modellatura ta' pjiegi tal-ħwejjeġ li huma rregolari u l-ġwienaħ li neqsin mill-volum u għandhom it-truf tagħhom jispiċċaw fit-tond.

Statwa oħra li tintrama viċin din tal-anġlu u li ħarġet ukoll minn idejn Cremona hija dik ta' *Ġuditta*. Oriġinarjament, din kienet eżempju ieħor ċar tar-rappreżentazzjonijiet uniċi ta' dan l-artist. Dan minħabba l-fatt li minkejja li fil-preżent il-figura waħdanija ta' Ġuditta tintrama fuq pedestall tal-injam iddekorat bħall-maġġoranza tal-istatwi 'esterni' fil-festi Maltin, meta saret lejn il-bidu tas-seklu għoxrin din kellha dehra għal kollox differenti. Min kien iħares lejn Ġuditta, kien qisu qed iħares lejn xi xena teatrali peress li Cremona poġġa l-figura ta' din l-eroina f'kuntest reali marbut mal-istorja tagħha. Minflok pedestall kif naraw illum, hija kienet tidher wieqfa fuq blata kbira mżejna saħanistra bi friegħi reali ta' siġra. Maġenbha, mitluq fuq struttura ġeblija Cremona kien poġġa l-ġisem bla ħajja u bla ras tal-ġeneral Oloferne, bil-lanza u oġġetti oħra militari mdawrin miegħu. Il-bażi ta' din ix-xena narrattiva kollha kienet kaxxa enormi li kienet qisha maħduma mill-ġebel. F'din il-kompożizzjoni kienet tispikka aktar il-poża trijonfanti tal-mara Lhudija li tidher liebsa libsa dekorattiva fit-tfassil tagħha qisha xi kostum teatrali u li fiha jispikkaw il-kmiem wisgħin tagħha u l-qasma fuq in-naħa leminija tagħha li minnha tidher libsa oħra li għandha minn taħt u li minnha tidher l-anatomija tas-sieq. B'idha l-leminija mgħollija 'l fuq iżżomm ix-ximitarra u bl-oħra quddiemha żżomm ras Oloferne, Cremona ppreżenta lil Ġuditta qisha waqt l-att aħħari u emozzjonanti ta' xi xena operistika fejn l-attriċi tistenna l-applaws mill-pubbliku wara l-aħħar ġest glorjuż tagħha.

Fl-istess żmien li fih ħadem il-*Ġuditta*, Cremona probabbilment sawwar ukoll il-figuri ta' *Esther* u *Abigail* li jintramaw fuq iz-zuntier tal-knisja, waħda fuq kull naħa tal-bieb maġġur. Peress li dawn il-figuri mit-Testment il-Qadim kienu ser jitpoġġew fuq iz-zuntier – post fejn l-ispazju huwa ristrett u mhuwiex lok li jippermetti kompożizzjonijiet kbar – dawn l-istatwi huma anqas xenografiċi iżda xorta juru xi karatteristika marbuta ma' Vincenzo Maria Cremona. *Abigail*, per eżempju, m'għandhiex xi modellatura anatomika impekkabbli u l-pjiegi ta' ħwejjiġha mhuma puliti u sistematiċi xejn bħal kif naraw fix-xogħol ta' Carlo Darmanin. Naraw, iżda, it-tentattiv tal-istatwarju sabiex joħloq xi ħaġa ornamentali fil-mod kif ġew imfassla l-kmiem u kif dawn iżommu mal-idejn. Karatteristika oħra hija dik tad-drapp ta' mal-qadd, li s-soltu jżomm il-libsa f'postha iżda li hawnhekk jidher maħlul u mitluq 'l isfel. Element żgħir narrattiv insibuh xorta fin-numru ta' ħobż fuq xulxin li l-personaġġ għandha maġenbha kif ukoll fil-bieqji kbar li hemm fuq in-naħa l-oħra tagħha. Dawn l-attribuzzjonijiet, minkejja li ma jiħdux xi spazju żejjed, xorta jidhru li huma wisq meta wieħed iqis il-qies tal-pedata tal-istatwa. Esther, min-naħa l-oħra, m'għandha xejn minn dawn l-oġġetti mdawrin magħha li huma relatati mal-istorja tagħha iżda tispikka



Abram


Isaija

għall-kostum li liebsa. Il-mant kbir tagħha jinżel fuq quddiem tal-figura u jgħattilha l-ispallel u l-idejn kważi salminkeb u wara jinġema' lejn il-ġenb, sal-qadd tagħha. Fuq il-libsa prinċipali tar-Reġina Esther hemm libsa oħra li donnha mlibbsa qisha kowt. Il-figura hija mżejna aktar bil-velu twil li jidher ħiereġ mill-kuruna baxxa li hija liebsa u mill-biċċa drapp tawwalija u pjuttost dejqa li toħroġ minn taħt ftit drapp ieħor li jidher imdawwar m'għonq il-mara qisu xalla. Il-figura fiha wkoll ħjiel ta' ftit moviment fil-ġesti tal-idejn, speċjalment f'dik xellugija, li donnha tinsab mgħollija għalxejn. Bl-id l-oħra, hija qed iżżomm bastun tawwali u dehbi.



L-akbar biċċa xogħol li għamel Vincenzo Maria Cremona għal Ħal Balzan kien is-sett ta' tmien figuri mit-Testment il-Qadim li jintramaw fi Triq il-Kbira, quddiem il-knisja Parrokkjali. Dawn l-istatwi – li l-biċċa l-kbira minnhom għandhom il-pjanċa bl-isem tal-istatwarju viżibbli fuq il-pedata tagħhom – jirrappreżentaw xi profeti u patrijarki u huma interessanti għax l-istil tagħhom ivarja minn figura għall-oħra. Jingħad li dawn inħadmu bejn l-1903 u l-1911[19] u jista' jagħti l-każ li l-varjazzjoni fid-dehra estetika tagħhom hija frott il-fatt li ma nħadmux f'daqqa, anzi probabbilment inħadmu wieħed kull sena. X'aktarx li l-ewwel li nħadmu kienu dawk li jintramaw fil-bidu tat-triq, viċin il-knisja, u jirrappreżentaw lil *Danjel* u lil *Isaija*. Dawn il-figuri għandhom il-modellatura anatomika limitata assoċjata ma' Cremona u t-tqegħid tal-għajnejn tal-ħġieġ li huma mdaħħlin xi ftit aktar 'il ġewwa mill-kpiepel tal-għajnejn. Biss, ivarjaw mix-xogħol tiegħu tas-soltu fil-panneġġi u l-pjiegi tal-ilbies. Fil-każ ta' dawn iż-żewġ profeti, dan huwa aktar maħsub u maħdum b'għaqal tant li jfakkar u huwa simili ferm lejn il-mod ta' kif kien jaħdem Carlo Darmanin. L-ilbies huwa għalhekk aktar naturali u l-pjiegi huma kbar u wiesgħa.

Ċertu fattizzi tal-uċuħ ukoll huma simili għal dawk li Carlo Darmanin kien qed jagħmel fil-vari tiegħu. Apparti mill-wiċċ ta' *Isaija*, anke dak bid-daqna folta ta' *Mosè* għandu l-istess karatteristiċi u modellatura ta' dawk li kien qed jipproduċi l-istatwarju Senglean.[20] Però, fil-figura ta' dan il-profeta, jibda joħroġ aktar l-istil tradizzjonali ta' Cremona. Jispikka, pereżempju, il-fatt li l-istatwarju jkabbar il-bażi ta' fejn toqgħod l-istatwa billi jkabbar il-blat u li għalhekk jaqbeż l-ispazju tal-pedata. Il-ħwejjeġ tal-profeta huma anqas irfinuti u mudellati anqas naturali minn dawk li semmejna qabel filwaqt li l-bastun li miegħu hemm imdawwar is-serp jeħel mal-blata ta' taħt b'mod pjuttost goff. Hawnhekk jibda jidher l-aspett efimeru fit-teknika ta' Cremona. Din it-teknika titbaxxa ferm meta niġu għall-figura ta' *Abram*. Il-ġesti u l-qagħda tal-idejn ta' dan il-profeta huma pjuttost superfiċjali u bla grazzja filwaqt li l-ilbies, speċjalment il-mant li qisu mhu qed iżomm ma' xejn, huma mpoġġija b'mod mgħaġġel, bla ebda ħsieb ta' modellatura li żżid il-livell artistiku u estetiku tax-xbiha. Jispikka wkoll b'mod negattiv il-mod ta' kif Cremona ħadem id-daqna, li tibda wiesa u goffa minn ħaddejn il-profeta u li tibqa' ġejja għall-ponta b' mod falz li ma jurix il-proprjetajiet reali tal-oġġett.

L-istatwi tas-sultan *Eżekjel* u *David* huma strambament nieqsa minn kull moviment eċċessiv u li għal darb'oħra jfakkru fil-pożi ġeneralment kwieti relatati ma' Carlo Darmanin. Il-figura ta' *Eżekjel* turi lil dan il-personaġġ bil-mant fuq rasu filwaqt li jħares 'l isfel u jżomm parċmina bi kwotazzjoni tiegħu stess. Id-dispożizzjoni ta' lbiesu huwa sempliċi u m'hemm l-ebda ħjiel ta' titjir jew panneġġi kbar u maħduma b'għaqal li jżidu l-element artistiku fil-figura. *David*, min-naħa l-oħra, huwa muri wieqaf





fuq blata, jħares 'il quddiem u fil-ġest li jdoqq l-arpa kbira li għandu miegħu. It-tqegħid tal-ilbies huwa sodisfaċenti għalkemm l-anatomija tal-figura mhijiex iddettaljata u fina. Huwa kważi għandu l-istess kostum li għandha l-istatwa tal-istess personaġġ li Cremona ħadem għall-festa ta' Santa Marija fil-Mosta iżda dan tal-aħħar huwa aktar tipiku tax-xogħlijiet tal-istatwarju fil-qagħda movimentata tiegħu.

Il-figuri ta' *Ġożwè* u *Sofonija* huma simili ħafna għal xulxin, kemm fil-poża u anke fl-istil tagħhom. It-tnejn li huma għandhom poża fejn qed iħarsu 'l isfel u b'id waħda mgħollija. Id-drapp tal-mant tagħhom huwa mdawwar mal-figura bl-istess mod, jiġifieri jinżel minn fuq l-ispalla u jinġema' fuq in-naħa l-oħra mad-drapp li għandhom mal-qadd. Din hija sistema komuni fl-istatwi ta' Darmanin iżda Cremona għal darb'oħra juri n-nuqqas tiegħu fil-modelattura tal-panneġġi. Huwa jipprova juri l-anatomija tal-personaġġi iżda ma jippreokkupax ruħu biex jagħmel dan b'mod li jidher naturali.

Fl-1906, Vincenzo Maria Cremona kien ħadem vara oħra għall-festa ta' Ħal Balzan. Din kienet tirrappreżenta lill-Papa Ljun XIII u llum il-ġurnata ma tintramax fil-ġranet tal-festa imma tinsab fil-maħżen tal-knisja.[21] Aktar milli sempliċiment statwa bħall-oħrajn li titpoġġa fuq pedestall, din kellha aktar xeħta ta' monument temporanju ddedikat għal dan il-Papa li ħareġ l-enċiklika *Rerum Novarum* u li fi żmienu sar iċ-ċentinarju tal-inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla fl-1900.[22] It-terminu ta' 'monument' għal din ir-rappreżentazzjoni ġej mill-fatt li mal-pedestall tiegħu kellu numru ta' puttini u figuri oħra li kienu jġorru simboli jew kienu relatati mal-Ewkaristija. Minn ritratti antiki ta' din il-vara armata f'postha fil-pjazza tar-raħal, jidher li dawn kienu jinkludu l-Fidi, Anġlu allegoriku u numru ta' puttini jżommu bandalori żgħar u simboli Papali. Dan il-kunċett kien simili għal dawk il-monumenti Barokki fejn l-istruttura kollha tkun ċelebrazzjoni u glorifikazzjoni tal-persuna partikolari u l-ġesti erojċi u sbieħ li din tkun għamlet f'ħajjitha – element li wieħed faċli jassoċjah mal-istil ta' Vincenzo Maria Cremona.

## Konklużjoni

Wieħed jittama li dan l-artiklu jservi sabiex wieħed isir jaf u jifhem aktar lil Vincenzo Maria Cremona u ħidmietu fl-arti sagra Maltija. Fin-nuqqas ta' xi okkażjonijiet kbar sabiex jitfakkru dawn l-istatwarji li fin-niċċa artistika tagħhom ikunu taw is-sehem tagħhom sabiex jikbru aktar il-festi f'Malta u jieħdu l-karatteristiċi uniċi li huma magħrufa għalihom illum il-ġurnata, tajjeb li f'għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' Vincenzo Maria Cremona jsir sforz sabiex tal-anqas dan l-artist jiġi apprezzat minn dawk kollha li jżuru l-festi fl-irħula Maltin u minn dawk li jħobbu kull tip ta' arti li joffri pajjiżna. Ħajr u tifħir imur lejn dawk l-għaqdiet u soċjetajiet, inkluż dawk f'Ħal Balzan, li fil-pussess tagħhom għandhom xi xogħol ta' dan l-istatwarju u li raw li dawn jiġu mħarsa u indukrati sew sabiex jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet futuri u mhux iħalluhom jispiċċaw maż-żmien biex imbagħad sempliċiment jordnaw xbieha oħra għand statwarju ieħor.

**Referenzi**

[1] Għal aktar informazzjoni fuq Carlo Darmanin, ara Victor Caruana, *The Art of Papier-mâché in Malta between the 19th and early 20th Centuries – Technical and Art Historical Considerations*, Teżi tal-MA mhux ippublikata u ppreżentata lill-Programm tal-Istorja tal-Arti, Fakultà tal-Arti, Università ta' Malta, 2005.

[2] Skont l-ordni kronoloġika tat-twelid tagħhom, it-tmint itfal ta' Francesco u Paola Cremona kienu Maria-Maddalena, Maria-Anna, Maria-Domenica, Maria-Josepha, Vincenzo Maria, Raphael, Alfonso u Spiridione: Eugene F. Montanaro, *Vincenzo Maria Cremona – Xenografu u Statwarju, 1851-1912*, Programm tal-Armar Festa Santa Katarina V.M., Żejtun, 1989, p. 11.

[3] E.F. Montanaro, 1989, p.11.

[4] *Malta Tagħna*, 3 t'Awwissu 1901.

[5] *Malta Tagħna*, 3 ta' Frar, 1912.

[6] Giovanni Faure', *Storja ta' Malta u Għawdex bil-Gżejjer Tagħhom u l-Ġrajjiet li saru Fihom*, Malta 1913, p. 1131.

[7] E.F. Montanaro, 1989, p.11.

[8] L-involviment ta' Cremona fit-teatru probabbilment seta' beda bis-saħħa ta' H. Zimelli li kien qarib tal-artist kif ukoll l-*impresario* tat-Teatru Rjali fi żmien in kwistjoni. Fost l-opri li Cremona x'aktarx ħadem fuqhom insibu *I Cavalieri di Malta* u *Agnese Visconti* ta' Antonio Nani (1843-1929), *Il Trovatore* – li kienet saret taħt l-*impresario* G.W. Malfiggiani u *La Gioconda*, li kienet saret waqt li Antonio Nani kien l-*impresario* tat-Teatru Rjali: E.F. Montanaro, 1989, p.13.

[9] Fil-fatt, f'ittra mibgħuta lill-editur tal-ġurnal *L'Ordine* tal-11 ta' Marzu 1891 dwar il-figuri tas-suldati Rumani li Cremona kien qed jaħdem sabiex jakkumpanjaw il-vara ta' *Kristu Rxoxt* fil-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, il-kittieb jgħid li Cremona kien sa dak iż-żmien magħruf għax-xeni sbieħ *'e per altri lavori del genere'*.

[10] Din il-vara kienet inbidlet fis-sena 1891 ma' oħra li nħadmet f'Marsilja u li għadha tintuża sal-lum.

[11] Winston L. Zammit, *Tas-Sliema fis-Seklu XIX*, Malta 2000, p.156.

[12] Cremona ħadem ukoll numru ta' vari għall-barra l-pajjiż, fosthom *San Pietru, San Pawl* u *Kurċifiss* għal knisja Maltija fi Tripli.

[13] Dawn il-*quadri plastici* kienu juru episodji mill-Assedju l-Kbir u r-rebħa tal-Kavallieri fuq l-għadu. Xeni bħal dawn kienu saru fl-1895 u fl-1896: Winston Zammit, 2000, pp.158, 159.

[14] L-akbar eżempju ta' statwa ta' dan it-tip li ħadem Cremona hija bla dubju l-istatwa tal-Martirju ta' Santa Katarina li tintrama f'Misraħ Mattia Preti fiż-Żurrieq, filwaqt li l-istatwi taż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina u l-Martirju ta' Santa Katarina li jintramaw għall-festa tal-qaddisa fiż-Żejtun ukoll kienu magħrufin għall-kobor tagħhom.

[15] Il-Madonna kienet tidher wieqfa fuq mewġ imqalleb, b'anġlu quddiemha jżomm ankra mkissra. Maġenbha kellha żewġ anġli oħra, wieħed fuq kull naħa. Wieħed kien jidher qed jitlob b'idejh miftuħin u l-ieħor iżomm kitba li kienet tgħid *Ave Maris Stella*. Taħt riġlejn il-Madonna kien hemm ukoll il-qamar u s-serp, simboli tal-Immakulata Kunċizzjoni.

[16] J.Vella Bondin, *Carlo Diacono (1876-1942)*, Programm tal-Festa Santa Katarina maħruġ mill-Għaqda Mużikali Beland fl-1992, p. 40. Fl-1903, il-Papa Piju X kien ħareġ il-*Moto Proprio* - lista uffiċjali u universali bid-deskrizzjoni ta' kif għandha tkun il-mużika fil-knejjes. Din heżżet l-ambjent mużikali sagru f'Malta fejn il-kompożituri kellhom jaddattaw xogħlhom għal dak mitlub f'dan id-digriet, b'reazzjonijiet varji mill-poplu.

[17] Wara Antonio Nani, bejn l-1928 u l-1967 ħa t-tmexxija tal-mużika sagra f'Ħal Balzan Paolo Nani. Ħajr lis-Sur Silvio Cassar ta' din l-informazzjoni.

[18] Noel Vella, 'L-Armar tal-Festa: Opri Ġodda u Manutenzjoni', Programm tal-Festa maħruġ fl-2004 mill-Każin tal-Banda San Gabriel ta' Ħal Balzan, p. 55.

[19] Alan Deguara, 'Il-Pedestall u l-Istatwa ta' Ġuditta matul iż-Żminijiet', Programm tal-Festa maħruġ fl-2002 mill-Każin tal-Banda San Gabriel ta' Ħal Balzan, p. 49.

[20] Il-wiċċ li uża Cremona għall-*Mosè* ta' Ħal Balzan huwa simili għall-maskra tal-wiċċ li mmodella Carlo Darmanin u li ntuża mill-alljiev tiegħu Carmelo Mallia meta ħadem l-istatwa ta' *Mosè* għall-festa ta' San Ġużepp tar-Rabat.

[21] Anon., 'Mitt Sena mill-Istatwa tal-Papa Leone XIII 1906-2006', Programm tal-Festa maħruġ fl-2006 mill-Każin tal-Banda San Gabriel ta' Ħal Balzan, p.42.

[22] Anon., Programm Festa 2006, p. 42.